

**Għeżież qraba, ħbieb u benefatturi,**

Kif intom? Nispera li tinsabu tajbin. Lil diversi minnkom din is-sena, bħas-soltu kelli l-okkażjoni li niltaqa' magħkom personalment id-dar tagħkom, fil-visti li nagħmel kuljum. Lil dawk li ma sibthomx id-dar ħallejtilhom nota li ġej inżurhom. Kif tistgħu timmaġinaw, mhux possibbli għalija li mmur għand kulħadd kull sena. Biss jiena dejjem indur diversi postijiet matul is-sena. Din iż-żjara nħobb nagħmilha biex barra li nerġgħu niltaqgħu, inkun nista' nwassal ir-ringrazzjamenti għan-nom tas-Soċjetà għal dak li għamiltu u li għadkom tagħmlu magħna. La semmejna l-għajnuna finanzjarja, irrid ngħid grazzi lil diversi minnkom, li matul is-sena li għaddiet, bil-kelma u bl-inkuraġġiment tagħkom għenu lil xi ħadd biex jaħseb fina. Dawn kienu diversi; nisa tad-dar, saċerdoti, kappillani u nutara.

Ħbieb tagħna, din is-sena kellna xi jnikkitna u kellna xi jferraħna. Dan għaliex fit-8 ta' Mejju Bro. Bernard Falzon mis-Siġġiewi għamel il-professjoni perpetwa tiegħu, u issa qed ikompli l-aħħar sena tat-teoloġija tiegħu fil-Filippini, u allura qed joqrob lejn is-saċerdozju. Nitolbu għalih u nitolbu ħafna għall-vokazzjonijiet ħalli jkollna aktar missjunarji.

Minn qalbi nixtiqilkom il-Milied it-Tajjeb u sena mimlija bil-barka t'Alla.

Mela niltaqgħu fit-18 ta' dan ix-xahar f'Sant'Agata, fit-3.30 p.m. Ejjew għax nieħdu gost niltaqgħu magħkom.

**Il-Mulej iberikkom.**
**Fr Norbert Bonavia**
**Delegat għall-benefatturi**

**STEDINA GĦALL**

# Laqgħa tal-milied

Il-Vigarju u l-membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl jistiednu lilkom qraba, ħbieb u benefatturi għal-laqgħa tal-Milied li se ssir **fil-Motherhouse, nhar il-Ħadd,18 ta' Diċembru 2011, fit-3:30pm Nispiċċaw qrib is-6:00 pm**

Ikollna talb, kant, esperjenzi tal-missjunarji u l-farsa li tkun tant mistennija mit-"Talent De Piro".

Nispiċċaw billi nieħdu xi ħaġa flimkien. Ejjew, għax nixtiqukom tagħtuna l-opportunità li niltaqgħu magħkom.

**Ġibu magħkom il-ħbieb**








# Aħna lilkom
## HOLQA BEJN IL-ĦBIEB

**Diċembru 2011 / Għadd 464 | Editur: Fr Norbert Bonavia MSSP**

## L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex fost l-emigranti fl-Awstralja

F'Ottubru li għadda, l-Isqof Mario Grech mar l-Awstralja fejn iltaqa' ma' ħutna l-emigranti Maltin. Din kienet l-ewwel żjara tal-Isqof Grech f'dan il-kontinent Il-membri tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl kienu fost dawk li laqgħu lill-Isqof Grech tul din iż-żjara tiegħu. Fr Tarcisio Micallef u Fr Joe Barbara kienu fost dawk li marru jilqgħu lill-Isqof fl-ajruport ta' Sydney.

Imbagħad huwa kellu laqgħat mar-residenti tas-St Dominic's Hostel, fi Blacktown u quddiesa għall-emigranti Maltin fil-La Valette Social Centre. Fost l-oħrajn hawn kien milqugħ minn Fr Benedict Sant, li huwa l-kappillan tal-Maltin fi Blacktown, u Fr Claude Borg, li jinsab residenti fil-Hostel.

Il-Ħadd 2 ta' Ottubru, Mons. Grech iltaqa' mal-Maltin li joqogħdu n-naħa tal-belt ta' Sydney. Huwa qaddes fil-Katidral ta' St Mary's flimkien ma' numru ta' saċerdoti oħra Maltin li joqogħdu fi New South Wales. Wara l-quddiesa l-Isqof Grech kellu ċans jiltaqa' ma' diversi emigranti Maltin li nġabru fid-dar tagħna ta' Sydney.

Is-Sibt 6 ta' Ottubru l-Isqof żar il-parroċċa ta' Horsley Park fejn mill-ġdid kellu laqgħa oħra ma' numru kbir ta' emigranti. Hawn hu kien akkumpanjat minn Fr John Taliana u Fr Mario Zammit.

Barra New South Wales, l-Isqof Mario Grech żar ukoll il-bliet ta' Adelaide, Brisbane u Canberra, imbagħad mar fl-istat tal-Victoria fejn hemm numru kbir ta' emigranti Maltin.

Il-Ħamis 20 ta' Ottubru, Mons. Grech iltaqa' mal-membri tal-Kunsill Malti tal-Victoria. Wara din il-laqgħa huwa żar ukoll id-dar tagħna f'Parkville fejn iltaqa' mal-komunità tagħna ta' hemm, fostom Fr Edwin Agius, Fr Noel Bianco, Fr Raymond Zammit, Fr Paul Kierce, Fr Jude Pirotta u Fr Joe Pantalleresco.

Is-Sibt filgħaxija imbagħad zar il-parrocca ta' St Bernadette's North Sunshine. Hawnhekk huwa ha sehem fil-quddiesa akkumpanjat minn Fr Ivano Burdian u Fr Denis Carabott.

L-Isqof Grech irringrazzja ħafna lill-membri kollha tas-Soċjetà Missjunarja tagħna tax-xogħol li huma jwettqu fost l-emigranti, kemm dawk li ħallew Malta snin ilu, u wkoll dawk li twieldu hawn. Huwa wkoll fakkar lill-emigranti kollha fid-dover tagħhom li jkomplu jgħixu l-fidi nisranija tagħhom. B'hekk huma wkoll ikunu missjunarji – iwasslu l-Evanġelu ta' Kristu fost l-oħrajn.

**Fr Mario Zammit Satariano Mssp**
**Vigarju Reġjonali**



**Frs.T.Micallef u J.Barbara, mssp, jilqgħu l-Isqof Grech f'Airport**



Sant'Agata, Rabat, Malta, Tel: 2145 4503 / Stella Maris, Żebbuġ, Gozo, Tel: 2155 1159

# Ġużeppi De Piro Kanoniku tal-Katidral

*Ma nafx kemm kien jieħu gost il-Fundatur tagħna b'dan l-artiklu kieku kien għadu ħaj. Imma ħassejt li, peress li dejjem nirreferu għalih bħala monsinjur, ikun sew li ngħidu xi ħaġa żgħira fuq hekk ukoll*



Mons. De Piro ħireġ mill-Katedral l-Imdina

Li tkun membru tal-Kapitlu Metropolitan dejjem kien meqjus bħala unur. Aktar u aktar qabel il-Konċilju, għax il-Kapitlu tal-Katidral kien l-organu konsultattiv ewlieni tal-Arċisqof.

Mons. De Piro ġie maħtur Kanoniku kuġitur tad-Dekan Mons.V. Vassallo meta kellu 34 sena. Din il-kariga l-Fundatur aċċettaha biss b'ubbidjenza lill-Arċisqof. Infatti l-Arċisqof, b'risposta għall-ittra tar-rinunzja kitiblu hekk,".....Aċċetta din il-proposta minn idejn Alla u ħudha bħala ubbidjenza minni..." Hu qatt ma immaġina li għax sar monsinjur kien laħaq xi ħaġa kbira . Biss nistgħu ngħidu li permezz ta' din il-pożizzjoni, mhux hu gawda, imma dejjem ra kif jagħmel biex ikun ta' benefiċċju għall-Knisja, u għall-poplu Malti li gawda mill-qalb kbira tiegħu.

Bħala Dekan tal-Kapitlu, insibuh jieħu sehem f'aktar minn okkażjoni waħda. Hekk pereżempju: flimkien ma' tliet monsinjuri oħra ħa sehem bħala rappreżentant tal-Kapitlu fl-ewwel Assemblea Nazzjonali. U meta ntgħażlet il-Kummissjoni Ċentrali ta' 15-il ruħ biex jiffurmaw skema ta' Kostituzzjoni, Mons. De Piro reġa' ntgħażel bħala Dekan tal-Kapitlu. Kull meta fis-seduti kien hemm bżonn li jwassal il-proposti tal-Kapitlu , hu ressaqhom b'dik il-ħeġġa kollha li jaf jagħmel wieħed li jkun tassew konvint minn twemminu.

Bosta ittri ta' Mons. De Piro bħala Monsinjur u Dekan juru s-sehem li kellu fit-tfassil tal-Kostituzzjoni ta' Malta fis-sena 1921. Dawn l-ittri jinsabu fl-atti kapitulari. U billi kien il-President tal-Kapitlu, kien ukoll ta' sikwit jikteb xi ċirkularijiet lill-istess monsinjuri.

Imma ħaġa rari u kurjuża li ġrat meta Mons. De Piro kien għadu kuġitur tad-Dekan hija din: hu ġie magħżul biex jieħu l-pussess għan-nom tal-Isqof il-ġdid ta' Malta. Din il-ħaġa tista' tidher stramba għaż-żmien tagħna. Imma dak iż-żmien, kull meta kien isir Isqof ġdid ta' Malta, kien hemm distinzjoni bejn il-pussess u l-ingress. Il-pussess ma' kienx jieħdu l-Isqof stess. Imma kien jinnomina wieħed minfloku. Hekk sar meta l-Isqof Mawru Caruana ġie magħżul l-Arċisqof il-ġdid. Għal din l-okkażjoni ġie magħżul Mons.De Piro biex jieħu l-pussess minflok l-Arċisqof. Għal din l-okkażjoni, il-Kurja ħarġet dokument wieħed, kemm tal-pussess urban (jiġifieri fil-Belt tal-Imdina, għax hemm kien isir) u kemm tan-nomina ta' Dom Mawru Caruana, bħala Isqof ta' Malta. F'dan id-dokument insibu dawn il-kelmiet: "Pussess Urban ta' Mons. Kan. Dekan Koġitur Ġużeppi De Piro f'isem Mons. Arċisqof".

Mhux possibbli li nġibu l-funzjoni kollha li saret. Biss insemmu xi ħaġa żgħira.Wara li nqara u ġie ppubblikat l-att legali tal-prokura fl-Awla Kapitulari, il-kapitlu mexa ma' Mons. De Piro lejn il-Knisja Katidrali. Hemm Mons. De Piro ħa l-ġurament tas-soltu tal-fedeltà.Wara tela' fuq it-tron liebes bl-ilbies pontifikali u intona t-Te Deum. Il-funzjoni spiċċat bil-bewsa tal-paċi u bl-att ta' ubbidjenza mill-membri kapitulari.

Mons.Vinċens Vassallo, id-dekan tal-Kapitlu li tiegħu De Piro kien koġitur miet fil-15 ta' Novembru 1920. Mal-mewt ta' dan il-Monsijnur, il-Fundatur sar id-Dekan tal-Kapitlu Metropolitan fl-eta ta'43 sena.

**Dan it-tagarif ġie meħud mill-ktieb ta' Fr. Alex. Bonnici o.f.m.cov. "Mons. G. De Piro" vol 1/11*

# Mons. De Piro u l-Freres fid-Dar ta' San Ġużepp f'Sta Venera

*Fil-ħarġa ta' Lulju/Awwissu ġibna artiklu fuq il-preżenza tal-Freres fl-Oratorju tagħna f'Birkirkara. Illum xtaqt li nkomplu bit-tagħrif fuq il-Freres meta kienu jagħtu s-servizz tagħhom fid-Dar ta' San Ġużepp, Santa Venera*

Qabel ma niġu għaż-żmien li fih il-Freres kienu fid-Dar ta' San Ġużepp, tajjeb li ngħidu li Mons. F. Bonnici, il-fundatur tad-Dar, kien ħaseb biex iwaqqaf speċi ta' Kongregazzjoni Reliġjuża li fiha daħħal irġiel ta' ħajja tajba. Dawn kienu jilbsu ċoqqa griża u kienu jissejħu 'Kongregazzjoni tal-Fratelli tal-Karità'. Dawn kienu ta' għajnuna kbira fl-Istitut. Infatti, meta Mons. Bonnici ħass li kellu jirtira, wieħed minnhom, Fra Luigi Poggi, ħa f'idejh it-tmexxija tal-Istitut. Għalkemm kien jagħmel ħiltu kollha, beda jħabbat wiċċu ma' ħafna problemi. Biżżejjed ngħidu li hu ma kienx qassis. Ma' dan il-Fra kien hemm xi sitta oħra. Imma dawn, bil-mod il-mod bdew jitilqu. Anke Poggi stess, meta sar Direttur Dun Ġorġ Bugeja, ħass li għandu jitlaq u daħal Fra mal-Patrijiet Karmelitani Skalzi. U hekk din l-ispeċi ta' kongregazzjoni spiċċat fix-xejn.

Wara Mons. Bonnici sar direttur Mons. Vassallo, u peress li dan wara xi żmien kien sar Rettur tas-Seminarju, ġie magħżul bħala Direttur Dun Ġorġ Bugeja. Dan mill-ewwel beda jitħabat biex iġib il-Freres De La Salle ħalli jgħinuh fix-xogħol li kellu. Il-Freres aċċettaw u ġew l-Istitut fl-1 ta' Frar fl-1905.

Matul it-18-il sena li damu fl-Istitut ma kellhomx ħajja faċli. Biżżejjed ngħidu li ma kellhomx rajhom f'idejhom. Madankollu huma rnexxielhom jagħmlu ħafna ġid lit-tfal. Fost l-oħrajn: kienu bħala għalliema tal-iskola u s-snajja', infermieri, tejbu l-manjieri tat-tfal u wessgħulhom il-kurrikulu billi daħħlu l-mużika u l-banda, eċċ. Huma bnew dormitorju u klassijiet akbar u moderni, kappella ftit aktar spazjuża milli kellhom u taw importanza lis-sengħa tal-istampar.

Imma nqala' saram. Għax għalkemm xi wħud mill-Freres li kienu qed jaħdmu fl-Istitut kienu ta' nisel Malti, dawn kienu sudditi Franċiżi mill-Magreb. U allura malli faqqgħet il-gwerra ġabruhom bil-lieva.

Il-Freres telqu mill-Istitut fis-6 ta' Ottubru 1923, u kien Mons. Ġ. De Piro li rċieva ċ-ċwievet mingħandhom u ħallas għal xi għamara u spejjeż oħra li kienu għamlu l-Freres.

Ta' min jirringrazzja ħafna lil ulied San Ġwann De La Salle għall-kontribut li taw fid-Dar ta' San Ġużepp.

Minn dakinhar il-Fundatur sar Direttur u miegħu daħlu l-membri tas-Soċjetà tagħna li issa ilhom hemm għal dawn l-aħħar 88 sena.



Dun Ġorġ Bugeja mal Freres li kienu jaħdmu San Gużepp

**Dan it-tagarif ġie meħud mill-ktieb ta' Fr. Alex. Bonnici o.f.m.cov. "Mons. G. De Piro" vol 1/11*